MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2007

Numru 677/2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Mario Haber)**

**vs**

**Martin Stivala iben Carmelo u Maria nee Debono imwieled 30/01/1974 Attard u joqghod ‚Family Nest', Tower Street, Msida u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 499374 (M)**

**Michael Stivala iben Carmelo u Maria nee Debono imwieled 13/11/1972 Attard u joqghod ‚Sunrise Court', Flat 6, Triq il-Hriereb, Msida u detentur tal-karta tal-identita' 35672 (M)**

**Gianluca Visicale iben Angelo u Corradina, imwieled 15/09/1973 Siracusa, residenti Siracusa l-Italja u detentur ta' passaport Taljan numru 525797 N**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Martin Stivala, Michael Stivala u Gianluca Visicale li gew akkuzati talli fit-12 ta' Awissu, 2003 u fil-jiem ta' qabel gewwa Birkirkara impjegaw jew taw xoghol lill-persuni li ma kinux persuni ezenti u li ma kellhomx licenzja moghtija lilhom ghal dak l-impjieg jew xoghol skond id-dispozizzjonijiet tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

U akkuzati wkoll talli bhala persuni responsabbli li kien qed isir gewwa fond f'Birkirkara impjegaw persuni li ma kinux cittadini ta' Malta meta dawn il-persuna ma kellhomx permess validu u ufficjali.

U aktar talli fl-istess cirkostanzi bhala l-principal, jew il-persuni li mpjegaw persuni ohra, full time, parttime jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indiefinit jew bi prova, naqsu li jinnotifikaw lill-Korporazzjoni tax-xoghol u tahrig b'dan l-impieg kif hemm fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 (3a sa 10).

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji ( a fol 55).

Rat ukoll illi individwalment wiegbu li ma kinux hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom ( a fol 38 u fol 55).

Rat li l-akkuzati ma kellhom ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji a fol 38.

Ikkonsidrat

Illi in vista tal-fatt illi gew prezentati tliet stqarrijiet wahda ta' kull akkuat, kif ukoll li t-tliet akkuzati ghazlu li

jiddeponu, l-qorti anke minhabba dak stipulat fl-artikolu 661 tal-Kapitlu 9 sa tiehu in konsiderazzjoni dak li ntqal fl-imsemmi biss in kwantu jirreferi ghal min stqarru, dan kollu maghdud ma' dak li xehdu b'mod partikolari it-tliet Gharab li ddeponew.

Huwa pacifiku minn dak li xehdu l-Ufficjali tal-Korporazzjoni (ETC) illi saret inspection fuq lant tax-xoghol, binja gewwa Ta' Paris Birkirkara, u hemm instabu jahdmu l-Gharab xhieda fil-kawza u wiehed mil-koakkuzati, Gianluca Visicale (vide dokumenti esebiti Dok JC a fol 75 et seq).

Mir-ricerka kondotta mill-Ufficjali tal-Korporazzjoni rrizulta illi erba' persuni barranin Bahr Khaled Aradi, Ihmavol Nagi KN u Abu Ali Tahir u Gianluca Visicale ma ghandhom ebda permessi mahruga f'isimhom lanqas per parentesi applikazjzonijiet f'dan ir-rigward. Instab li fuq il-ko akkuzat Taljan Visicale, kien hemm permess mahrug fis-sena 1996 li pero' gie kkancellat fl-10 ta' Gunju, 1997 (a fol 95-97).

Aradi Khaled xehed fil-fatt illi hu gie misjub jahdem mill-impjegati tal-ETC. Huwa indika d-datur tax-xoghol li l-akkuzat Martin Stivala. Qal ukoll dan ix-xhud illi fuq il-lant tax-xoghol kien jara wkoll lill-ko akkuzat Taljan, allura lil Visicale jarah jahdem hemm separatament (fol 17). Zied in kontroezami dan ix-xhud li apparti ghall-fatt li kien Martin Stivala li kien ihallsu (versu l-prezz ta' Lm 70 fil-gimgha) kien l-istess Martin li kien fil-fatt tah ix-xoghol wara li x-xhud kien cempel lil Martin Stivala ghal dan l-iskop. Zied ukoll dan ix-xhud illi Martin Stivala kien jinzel xi darba darbtejn kuljum (a fol 20).

Nagi Khalifa Zahmeul ukoll ikkonferma li nqabad jahdem gol-fond fejn saret l-inspection mill-ufficjali tal-ETC. Mistoqsi min kien ihaddmu bhala bajjad xoghol, wiegeb b'mod skjett "Martin" (fol 22). L-istess xhud ta' qablu jsemmi il-guesthouse ta' Charles fejn kienu jsiru l-kuntatti ma' Stivala. Dan ix-xhud Zahmoul jghid li ltaqa' ma' Martin u dan offrielu xoghol quddiem il-lukanda ta' Charlie. L-istess xhud ta' qablu kien jithallas Lm 10 kuljum.

Dan ix-xhud ma kien jaf ebda wiehed mill-ko akkuzati ohrajn. Kien ilu jahdem hemm cioe fuq il-lant tax-xoghol biss ghal gimghatejn.

Taha Said ukoll jammetti illi huwa kien qieghed jahdem fuq il-lant tax-xoghol fejn gie arrestat. Jghid li kien ilu hawn Malta ghal madwar erba' snin. Mistoqsi min kien qed ihaddmu meta sabuh wiegeb Martin, mistoqsi min kien ihallsu wiegheb Michael. Gharaf liz-zewg ko-akkuzati Stivala.

Spjega illi hu lill-ahwa Stivala kien jafhom tramite habib tieghu Luca, il-ko-akkuzat Visicale. Zied illi hu u Luca kienu kellmu lil Martin u dan kien haddimhom gewwa Birkirkara. Anzi jghid ukoll illi qabel dan l-impieg gewwa Birkirkara, huma kienu anke qed jahdmu gewwa tas-Sliema, dan dejjem fi ftehim ma' Martin. Huwa cioe x-xhud kien jithallas nofs bin-nofs ma' Luca. Il-hlas kien isir minghand Michael Stivala u ta' dan kien cert mija fil-mija (a fol 31). Xehed illi l-modus tal-hlas ghal xogholhom kien isir billi huwa u l-ko akkuzat Luca kienu jmorru fir-restaurant, fil-hotel li Stivala ghandhom fil-Gzira u hemmhekk Michael kien ihallas lil Luca, imbaghad hu u Luca jaqsmu l-flus (a fol 33). Spjega li r-relazzjoni tieghu ma' Luca Visicale kienet dik ta' shab u ma kienx impjegat mieghu (a fol 34). Spjega wkoll li huma t-tnejn anke hadmu god-dar ta' l-istess Michael Stivala gewwa tas-Sliema fejn ghamlu xoghol ta' gypsum u fuq il-faccata.

Ikun anke opportun illi jigi ezaminat x'qalu l-ko akkuzati hemm fl-istqarrijiet taghhom u meta xehdu viva voce rispettivament dan kif gia premess fil-parametri ta'dak li tghid il-ligi fil-konfront tal-konfessjoni maghmula minn ko-akkuzat.

Gianluca Visicale ammetta li hu kien ilu jahdem fuq il-lant tax-xoghol fejn gie misjub minn Gunju (stqarrija mehuda f'Awissu). Ikkonferma dak li qal Taher li hu kien jiddividi l-paga minnu rcevuta ghax-xoghol ma' l-istess Taher. Jaghmel ukoll referenza ghal-dokumenti esebiti ghal dok DM1 a fol 44 – 45 li juru li Gianluca Visicale kien riceventi ta' diversi somom ta' flus fix-xhur hemm indikati.

Mill-istess dokumenti jidhru zewg firem, dik ta’ l-istess Visicale, li jaghraf hu stess fl-istqarrija u ohra li ghaliha din il-Qorti se taghmel referenza fi stadju aktar tard.

Viva voce huwa kkonferma min kien tah l-impieg, pero’ aktar salejnti kkorrobora, dak li qal ix-xhud Taher. Ikkonferma wkoll illi xoghlu flimkien ma’ Taher kien dak ta’ ’gesso’. Jinnega illi huwa jew Taher kellhom xi impjegati maghhom ghalhekk b’referenza ghal Gharab li gew ukoll maqbuda fuq il-lant tax-xoghol, jixhed illi dawn ma kinux jahdmu mieghu in kwantu ma kienx hu li jaghtihom l-ordnijiet, pero’ kien jarahom jahdmu wkoll fuq il-lant tax-xoghol. Jikkonferma l-mod kif kien jircevi l-pagament u dan b’referenza ghal dak li xehed Taher, cioe jikkorrobora lil dan ix-xhud. Jispjega wkoll illi l-ircevuti kien jiffirmahom hu ghaliex kien aktar facli ghalih li jikkomunika ma’ Stivala milli kien ghal Taher.

Fl-istqarrija tieghu Martin Stivala nnega illi huwa ghandu x’jaqsam mal-barranin li nqabdu jahdmu Birkirkara. Anzi jghid li huwa lanqas kien jaf min ihaddimhom.

Dwar l-Gharab li xehdu li kien hu l-imghallem taghhom wiegeb fin-negattiv. Jghid fil-fatt li hu ma haddimhomx (fol 46). Jinsisti dan Martin li hu kien lavrant.

Viva voce xehed illi hu jahdem ma’ Stivala Operators u li jiehu hsieb il-lant tax-xoghol. Jinnega li hu kien jimpjega l-Gharab li ddeponew. Jikkonferma illi l-bini kien taghhom, baqa’ nsistenti li hu pero’ fuq dan il-bini ma qabbad lil hadd biex jahdem. Mistoqsi allura min kien iqabbad in-nies jahdmu fuq il-post tax-xoghol, irrisponda illi ma kellux idea ghax huma kienu erba’ ahwa, dan nonostante li jikkonferma li hu kien izur il-lant tax-xoghol biex jaghti daqqa ta’ ghajn, inaddaf u jara jekk jonqosx xihaga.

Min-naha tieghu Michael Stivala fl-istqarrija tieghu jghid li hu kien direttur ta’ kumpanija, kien imexxi lukanda u xogholijiet ta’ kostruzzjoni ghaddejin gewwa Birkirkara. Innega li f’dan il-bini ta’ flats u garaxxijiet kellu xi impjegati

jahdmu fuq dan ix-xoghol (a fol 48). Qal li hu ma kellu xejn x'jaqsam mal-persuni li nstabu jahdmu fuq il-lant tax-xoghol, ghalkemm ammetta li hu kien ta xoghol ta' kisi tibjid u brix lit-Taljan. Anzi mar oltre u kkonferma li l-pagamenti maghmula minnu lit-Taljan (vide Dok DM1 a fol 44 et seq).

Viva voce xehed li kienu ghamlu kuntratt ma' Gianluca Visicale biex jaghmel il-kisi u tibjid go blokka ufficini go Birkirkara u aktar mas-site ma kellhomx x'jaqsmu. Ikkonferma l-hlasijiet saru lill-istess Visicale. Jinnega li hu kellu xi konnessjonijiet ma' xi Gharab li kien jara on site. Jikkonferma pero' li fuq istruzzjonijiet gieli ghadda flus/flejjes li xi wiehed minn dawn l-Gharab. Pero' jghid fl-istess hin li ma kellux idea jekk kienx ihallas l-Gharab l-ohra li hu ra on site (a fol 143) u ftit wara jikkontradixxi lilu nnifsu ghax xehed illi gieli kien jaghtihom pagi ta' Lm 70 jew Lm 80 on account (a fol 145).

Ikkonsidrat

Gia ppremettiet din il-Qorti li hija qatt ma kienet se taghmel referenza ghal dak li l-ko akkuzati setghu qalu u jew xehdu kontra ta' xulxin, dan ghal ragunijiet ferm ovvji. Frankament din il-kawza hija solvibbli bil-mod kif il-ko-akkuzati, b'mod partikolari l-ahwa Stivala kkontradixxew kliemhom stess. L-ahwa Stivala fil-fatt qeghdin jistiednu lill-Qorti temmen illi huma kienu kwazi estranei ghal haddiema Gharab li kienu qed jahdmu fuq propjeta' taghhom, kwazi kwazi li lil dawn ma jafuhomx uma kellhom ebda komunikazzjoni maghhom. Anzi Martin jghid li hu kien lavrant u Michael li jghid li hu direttur xehed li "... forsi nghidilhom bongu, sahha u grazzi u daqshekk kollox" (a fol 144).

Donnhom jinsew l-ahwa Stivala dak li xehdu l-istess Gharab fil-konfront taghhom kif hawn fuq gia rraportat. Dwar ix-xoghol li huma taw lil Gianluca Visicale ma hemm ebda dubju ta' dan, rizultanti mid-dokument tal-flejjes moghtij lill-istess Visicale (Dok DM1). Frankament xejn jista' jinghad fuq tali dokument, harsa lejn il-firma ta' Michael Stivala u dik li hemm fuq id-dokument imsemmi,

ma tridx ghajn ta’ espert biex tasal ghall-fatt li hija identika.

Lanqas ma jagevola xejn lill-akkuzati Stivala l-fatt li x-xhieda ta’ nisel Gharbi ddeponew dwar il-modus operandi ta’kif gew ingaggati fl-impieg taghhom li huwa ghal kollox identiku u cioe r-referenza ghal hotel ta’ Charlie u kif ghanmlu kuntatt ma’ Martin Stivala. Bl-istess mod hadmu Taher u Visicale anke fejn kienu jircevu l-pagament ta’ dak lilhom dovut.

Lanqas ma ghandha dubju din il-Qorti dwar min mill-akkuzati kien il-persuna jew persuni responsabbli mis-sit ta’ Birkirkara: l-ahwa Stivala. Wiehed ghandu wkoll jiftakar illi Visicale u Taher anke ghamlu xoghol fid-dar ta’ Michael Stivala gewwa tas-Sliema, tant allura hija l-konoxxenza ta’ Stivala fil-konfront taghhom. Oltre dan jirrizulta illi kemm Visicale kif ukoll Taher hadmu dan ix-xoghol fuq il-faccata wahedhom (enfazi tal-Qorti).

Dwar l-akkuzat Visicale, Taher baqa’ nsistenti fuq il-fatt li hu ma kienx impjegat mieghu, pero’ kienu bi shab. Kien anzi konsistenti dwar ix-xhud dwar min kien jew kienu d-daturi tax-xoghol tieghu, ghalhekk din il-qorti mancando provi kontrarji li allura ma gewx prodotti lilha ma tqisx li Gianluca Visicale impjega jew ta xoghol, jew kien b’xi mod responsabbli mis-sit fejn kien qed issir il-kostruzzjoni. Il-provi mressqa fil-konfront ta’ Visicale ma jindikawx li hu kien principal jew jimpjega lil xi nies. Kwalunkwe obbligazzjoni li nholqot ma’ ETC kienet tinkombi fuq min kien fil-fatt il-principal, car dan stante l-hlas li kien qed isir. Ghalhekk mill-akkuzi kif addebitati ma tirrizulta ebda htija fil-konfront ta’ Visicale.

Il-Qorti fil-fatt hija ghal kollox konvinta mill-htija ta’ Michael u Martin Stivala skond l-akkuzi kif dedotti u dan wara li rat l-artikoli 32 tal-Kapitlu 217 u l-artikolu 3, 4, 5, 7, 9, 10, ta’ l-Avviz Legali 110 ta’ l-1993.

Dwar il-piena rat il-fedina penali ta’ l-ahwa Stivala, rat ukoll l-artikolu 17 tal-Kapitlu 9 u qeghda tikkundanna lil

kull wiehed minnhom ihallas is-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltija (Lm 1500).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------